MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 207/1999/1

**Maltacom plc**

**-vs-**

**Stephen Magri**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet illi fuq talba tal-konvenut kienet installat is-servizzi telefonici bin-numri 377147 (CN-247489) u 377148 (CN-247490) fil-fond Bridge End Apartments, Apartment 3, Triq iz-Zebbug, San Giljan u Bridge End Apartments, Apartment 1, Triq iz-Zebbug, San Giljan rispettivament u dana skond ma kif jirrizulta mill-annessi Dokument A u Dokument B, u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-*service agreements* ezistenti bejn il-partjiet.

Illi skond l-istess *service agreements* il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mis-socjeta’ attrici.

Illi l-konvenut Stephen Magri jinstab debitur tas-socjeta’ attrici Maltacom plc fis-somma ta’ elf mitejn u erbgha u tmenin lira maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm1284.84) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulse/calls), spejjez ta’ installazzjoni, u servizz tal-linji tat-telefon fuq imsemmija kwantu ghas-somma ta’ elf u disgha u tletin liri Maltin u tliet centezmi (Lm1039.03) ghar-rigward tal-linja tat-telefon bin-numru 377147 u kwantu ghas-somma ta’ mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm245.81) ghar-rigward tal-linja tat-telefon bin-numru 377148 u dana skond ma kif jirrizulta mill-annessi statements immarkati bhala Dokument C u Dokument D.

Illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi biex ihallas anke permezz ta’ l-ittra ufficjali tat-tlieta ta’ Awissu elf disa’ mija u disgha u disghin huwa xorta wahda baqa’ inadempjenti.

Illi l-imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’igib kontra d-domanda ta’ l-istanti.

Talbet li din il-Qorti:

1. tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talbiet attrici bid-dispensa mis-smiegh kif mahsub fl-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili a tenur tad-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf mitejn erba’ u tmenin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1284.84) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta’ installazzjoni u servizz tal-linji tat-telefon u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness statements immarkati bhala Dokument C u Dokument D.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittri ufficjali fuq imsemmija u l-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Magri fejn eccepixxa:

1. illi d-domandi attrici huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta’ hames snin fit-termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

2. ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Il-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici huma sostnuti fuq zewg prospetti, esebiti folio 7 u 8 rispettivament, u jirreferu inkwantu ghal elf disgha u tletin lira Maltin u tliet centezmi (Lm1039.03) dwar in-numru tat-telefon 377147 u inkwantu ghal mitejn hamsa u erbghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm245.81) dwar in-numru tat-telefon 377148. Il-konvenut qieghed jirribatti l-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici billi eccepixxa l-preskrizzjoni ta’ hames snin skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Huwa pertinenti f’dan l-istadju li jinghad li c-citazzjoni giet mis-socjeta’ attrici pprezentata fil-25 ta’ Novembru 1999 u l-konvenut gie biss notifikat fis-6 ta’ April 2004. Hu pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fl-20 ta’ April 2004.

Intant, ghal dik li tikkoncerna l-procedura adoperata mis-socjeta’ attrici filli pproponiet il-kawza bl-hekk imsejha procedura ta’ ‘giljottina’, hi l-fehma tal-Qorti, li ma baqghetx applikabbli fuq li jiddisponi l-Artikolu 169 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili b’daqstant li l-konvenut kien ben gustifikat li jintavola n-nota ta’ l-eccezzjonijiet entro t-terminu tal-ghoxrin gurnata, kif hekk ghamel.

L-Artikolu 2156(f), Kap 16, invokat mill-konvenut in linja ta’ preskrizzjoni jistabilixxi ‘inter alia’ li “l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku” jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ hames snin. Fil-kaz in meritu l-ammont pretiz hu deskritt li hu dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta’ installazjoni, u servizz tal-linji, ghalhekk preskrivibbli bid-dekor ta’ hames snin. Jirrizulta wkoll li z-zewg linji tat-telefon fuq riferiti gew provduti f’Lulju 1994 u gew itterminati fi Frar 1998. Ma jirrizultax li mit-twaqqif tas-servizz sad-data meta l-konvenut gie finalment notifikat bic-citazzjoni kien hemm interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. Anzi mill-provi hu eskluz li din l-interruzzjoni sehhet. Hu pacifiku li in vena ta’ preskrizzjonijiet qosra, kif inhi l-preskrizzjoni eccepita f’dan il-kaz, l-opposizzjoni da parti ta’ l-attur tista’, jew tiehu l-forma li tissoggetta lill-konvenut ghall-gurament dilatorju (Artikolu 2160), jew li juri, jew l-inammissibilita’, jew l-interruzzjoni, jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni (Vol.XXXVII.ii.626).

Fil-kaz in dizamina l-ebda wiehed minn dawn il-fatturi ma jirrizulta, anzi jirrizulta li ghaddew aktar minn hames snin minn meta s-servizz gie terminat u l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni, li hu l-uniku att gudizzjarju li bih il-konvenut gie bih notifikat.

In vista ta’ dan qeghdha tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u tichad it-talbiet tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------